ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 01/2010**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 13 ta' Lulju 2010**

**Ħin: Fis-2.30 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sinjura Carmen Camilleri**
- **Is-Sur Emmanuel Debono**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal li hemm bżonn jinxtara siġġu ieħor għall-Kamra tal-laqgħat.

## INTRODUZZJONI TAL-MEMBRI

Is-Sindku għamel messaġġ ta' introduzzjoni. Tkellem dwar dawk li huma r-responsabbilitajiet tal-Kumitat. Is-Sindku għamel referenza għal dokument li ntbagħat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-responsabbilitajiet li tagħhom hu responsabbli l-Kumitat. Saħaq li dak li mhux inkluż f' dan id-dokument mhux responsabbilita` tagħna. Qal li m' għandniex naqbżu l-limiti tagħna.

Is-Sur Noel Debono qal jixtieq li Marsalforn ikun sabiħ u komdu bħal ma kien qabel. Qal li l-Kumitat għandu jissottometti proposti lill-Awtoritajiet konċernata. Tkellem fost l-oħrajn dwar is-servizz tal-*beach cleaning* f' Marsalforn. Sewqan eċċessiv f' toroq li ma jifilħux għal dak is-sewqan u l-i*speed limit* ġewwa

Marsalforn. Is-Sur Debono qal għandna naħdmu biex tinstab soluzzjoni għal ċerti affarijiet li qed idejqu lin-nies.
Is-Sindku tkellem dwar il-*mobile speed camera* li l-Kumitat Reġjonali ser ikun qed jintroduċi ġewwa Għawdex.

Is-Sur Joe Zammit staqsa:

- x' inhuma l-affarijiet tagħna?
- x' inhu l-pakkett?
- l-*account* tal-Kumitat?

Is-Sur George Sacco qal jixtieq li jkollu pjanta bil-konfini ta' Marsalforn u pjanta oħra ta' toroq fejn jista' jsir xogħol fl-istaġun tas-sajf għal fini ta' amministrazzjoni. Is-Sur Sacco tkellem dwar il-*beach cleaners* ġewwa Marsalforn, l-għeluq ta' Triq il-Port u l-Menqa li minbarra li ngħalqu kmieni (Ġunju kien kmieni wisq), it-toroq qed jinfetħu għat-traffiku tard wisq u l-karrijiet fil-Menqa li ġejja minn kullimkien.

Is-Sinj. Carmen Camilleri tkellmet dwar in-nuqqas ta' *litterbins* fuq il-*front*, id-dwal tal-*car park* (hemm xi siġar iridu jinżabru) u l-*bumping cars* f' Marsalforn. Qalet li l-*bumping cars* qed idejqu lil ħafna u li qed ikun hemm problema ta' *parking*.

Is-Sindku tkellem dwar proposta li dwarha kien tkellem fil-Kunsill li ssir talba biex il-*car park* ikun mgħoddi lill-Kunsill u b' investiment mal-privat jinbena *multi purpose car park.*

Is-Sinj. Carmen Camilleri tkellmet ukoll dwar il-latrini pubbliċi u l-ħinijiet tagħhom.

Iċ-Chairperson tkellmet dwar il-*bumping cars*. Qalet huwa fatt li dawn iġibu aktar nies ġewwa Marsalforn. Staqsiet pero` għaliex dawn ma jħallsux?

Is-Sindku wieġeb li l-operaturi tal-*bumping cars* qed iħallsu lit-Trade Section.

Sacco qal dawn suppost qed iħallsu lill-Lands Department ta' l-art li qed jużaw.

Iċ-Chairperson tkellmet ukoll dwar ċertu ħmieġ fuq il-*promenade* ta' Marsalforn, li għandhom jitpoġġew boroż għall-*litter* fil-*litterbins*, imsiemer fejn l-i*spring board*, ħadid perikoluż taħt il-*bridge* u diversi *parking bays* tad-*disabled* li m' għandhomx użu.

## KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza :

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar trasport provdut mid-Dipartiment għaċ-ċerimonja tal-ħatra.

Memo nru. 94/2010 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament għall-proġetti u inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom.

Is-Sindku ssuġġerixxa lill-Kumitat biex japplika għall-finanzjament għal kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Santa Marija.

Is-Sur Debono ppropona li ssir applikazzjoni biex isiru l-bankini ta' triq sħiħa.

Gie deċiż li l-applikazzjoni ssir għat-tarmak ta' Triq Sta Marija.

Is-Sur Debono wera x-xewqa li fuq il-karrijiet ikun hemm in-numri tad-dgħajjes.

## AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku tkellem dwar l-ispettaklu ta' talent lokali li kien isir kull sajf ġewwa Marsalforn.

Il-Kumitat qabel li dan l-ispettaklu jerġa' jittella' u li jsir fl-aħħar Ħadd ta' Awwissu 2010.

Is-Sur Debono qal fil-Menqa hemm żewġ ħoloq mingħajr ebda użu u li dawn għandhom jinqalgħu minn hemm (irrimarka li dawn il-ħoloq huma perikolużi).

Kien hemm qbil li jinxtraw għaxar *litterbins* bħal tal-kenniesa biex jitpoġġew fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.

Kien maqbul li wara l-5 ta' filgħaxija jkun hemm persuna tnaddaf it-toroq ta' max-xatt.

Iċ-Chairperson qalet l-għassa tal-pulizija għandha tkun miftuħa kuljum u jkun stazzjonat ukoll surġent tal-pulizija.

## AĠĠORNAMENT

Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna fil-4.45 ta' filgħaxija għal nhar it-Tlieta, it-3 ta' Awwissu 2010 fid-9.00 ta' filgħodu.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***